MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1561/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Paul Darmenia u l-istess Paul Darmenia**

**vs**

**Giuseppe Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Awissu, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tnejn u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm462.20) rappresentanti danni subiti mill-atturi f'incident stradali li sehh fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far fit-8 ta' Awissu 2002 bejn il-Mitsubishi numru JAU 989 ta'l-attur u l-Ford Transit numru DAO 217 misjuq mill-konvenut, ghal liema incident kien jahti unikament l-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta'l-ittra ufficjali ai termini tal-Kpaitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali minn notifika ta'l-avviz kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-29 ta' Settembru 2003, fejn huwa eccepixxa:
1. Illi it-talbiet attrici huma kontestati billi l-konvenut ma jahtix ghall-incident de quo u ma huwiex responsabbli ghad-danni.
2. illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur ghandu jipprova sodisfacentement l-entita tad-danni.
3. Bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra taghhom.

Sema' x-xhieda ta'l-attur, ta' Mario Mifsud, Patrick Buttigieg u ta' PS 808 Nazzareno Sammut u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh meta iz-zewg sewwieqa kienu qed javvicinaw inkrocju fit-toroq u l-konvenut kiser ghal got-triq minn fejn kien gej Buttigieg u sehhet il-kollizzjoni. Mill-iskizz imhejji mill-pulizija li investiga dana l-incident jirrizulta illi Buttigieg kien ghadu lura minn dana l-inkrocju meta sehhet il-habta. Fil-fatt huwa jikkontendi li ghalkemm kien beda jirrallenta sabiex jipprepara ruhu halli jikser lejn id-direzzjoni ta' Hal Luqa madanakollu huwa kien ghadu ma wasalx fl-inkrocju, meta il-konvenut , li kien gej mid-direzzjoni taz-Zurrieq kiser ghal fuqu u laqat il-kantuniera ta' quddiem tal-vettura misjuqa minnu, bil-genb tal-vettura misjuqa mill-istess konvenut. Il-konvenut min-naha tieghu jikkontendi illi huwa kien diga kiser ghat-triq minn fejn kien gej Buttigieg, meta ra lill-istess Buttigieg gej b'velocita qawwija ghal fuqu bir-roti ikaxkru. Din il-verzjoni madanakollu ma hijiex riflessa fl-iskizz imhejji mill-pulizija u dana peress illi fl-ewwel lok ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi *brake-marks* wara il-vettura ta' Buttigieg u fit-tieni lok, l-vettura ta' Buttigieg

tinsab kompletament fuq il-karreggjata taghha u ma tidher bl-ebda mod li qed tinvadi l-karreggjata tal-konvenut, jew li hija skontrata, kif qieghed jallega hu u cioe' li baqa' gej dritt ghal fuq il-bieba tal-vettura tieghu biex b'hekk invada il-karreggjata tieghu. Ghandu jinghad illi z-zewg sewwieqa jaqblu ma'l-iskizz imhejji mill-pulizija u jaqqblu illi l-ebda wiehed minnhom ma caqlaq il-vettura tieghu wara li sehh l-impatt.

Il-konvenut fil-fatt ighid illi hekk kif wasal fl-inkrocju huwa waqqaf, ra mill-vettura ta' Buttigieg gejja mill-boghod u kkalkula li kien jilhaq jikser u fil-fatt hekk ghamel. Buttigieg min-naha tieghu kien ghadu qieghed isuq fid-dritt, fil-karreggjata tieghu, meta sehhet il-kollizzjoni.

Illi kif gie ritenut f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Inferjuri fl-20 ta' Ottubru 2003, fil-kawza fl-ismijiet Francis Fenech et vs Mark Montebello: "Huwa principju primarju li min ikun qieghed jittraversa triq jehtieglu juza l-massima diligenza u vigilanza ghaliex il-manuvra li ikun ser jaghmel biex jaqsam it-triq hija kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku. Jehtieglu allura jkun cert u sigur illi tabilhaqq it-triq hi libera b'mod li kienet tippermettilu li jista' jibda', jkompli u jtemm il-manuvra li xtaq jaghmel bla ma ikun ta' xkiel ghal vetturi ohra. F'dana ma hemmx kwistjoni ta' min jilhaq l-ewwel jew ta' precedenzi, izda tal-harsien tar-regoli; l-iktar dik tal-bon sens."

Mix-xhieda tieghu jirrizulta illi l-konvenut kien ra lil Buttigieg gej, u ghalhekk ma messux qabad u kiser malajr sabiex ifittex johrog, izda messu waqqaf u stenna sabiex jivverifika dak li kien bi hsiebu jaghmel Buttigieg. Minhabba l-agir tieghu, huwa ma ghamilx il-kalkolazzjonijiet sew u ghalhekk qabad u kiser malajr sabiex b'hekk sehhet il-kollizzjoni.

Illi min-naha l-ohra ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas fis-sewqan ta' Buttigieg li kien ghadu qieghed isuq fid-dritt meta sehhet il-kollizzjoni, u kien jinkombi fuq il-konvenut li izomma *proper lookout* meta gie sabiex jittraversa l-inkrocju fit-triq sabiex jikser.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni ma jidhirx illi l-konvenut ressaq xi provi sabiex jattakka x-xhieda ta’l-attur f’dana ir-rigward u ghalhekk it-Tribunal sejjer jistrieh fuq ix-xhieda ta’ Mario Mifsud u ta’l-attur u id-dokumenti esebiti a fol.2 sa 4 tal-process.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u ghalhekk ighaddi sabiex *f*ilwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u tnejn u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm462.20), bl-imghaxijiet legali mill-25 ta’ Awissu 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------